TEATRU MALTA

SEJĦA GĦALL-ATTURI

# PRODUZZJONI TEATRALI MUŻIKALI MARZU 2025

teatrumalta.org.mt

Qegħdin infittxu **kantanti-atturi** għall-**partijiet prinċipali** u għall-**kor** għal produzzjoni teatrali mużikali ġdida bil-Malti li ser tittella' f'**Marzu ta' 2025**.

Qegħdin infittxu kantanti-atturi ta' etajiet differenti u hemm diversi rwoli prinċipali kif ukoll parti importanti u attiva għall-kor. Ir-rwoli kollha joffru sfida artistika, u aħna nilqgħu nies li jixtiequ jagħmlu awdizzjoni għal iktar minn rwol wieħed.

F'każ li wħud ikunu interessati iktar minn rwol wieħed, it-tim kreattiv jirriżerva d-dritt tal-għażla finali. Il-vuċijiet u l-etajiet deskritti huma biss indikazzjoni.

Direzzjoni ta'
**Nicole Cuschieri**

Kitba, Lirika u Kompożizzjoni ta'
**Alex Vella Gregory**

↓ **Dik is-Siġra f'Nofs ta' Triq** (2023)



↓ **Fi Do** (2023)



## Rwoli

**Il-Kor**
**Età** 16+
**Ġeneru** varji
**Ħiliet meħtieġa** kant, reċtar u żfin
**Tip ta' leħen** kull tip ikkunsidrat

**Karattru A**
**Età** 20-35
**Ġeneru tal-karattru** raġel
**Karattru** kwiet, servili, fidil, onest
**Tip ta' leħen** vuċi maskili għolja (tenur)

**Karattru B**
**Età** 30+
**Ġeneru tal-karattru** mara
**Karattru** bla skrupli, dominanti, kiefra, qalila
**Tip ta' leħen** vuċi femminili baxxa (alto)

**Karattru Ċ**
**Età** 40+
**Ġeneru tal-karattru** raġel
**Karattru** tirann, suspettuż, pragmatiku, rgħib u ħanżir
**Tip ta' leħen** vuċi maskili baxxa (baxx)

**Karattru D**
**Età** 30+
**Ġeneru tal-karattru** raġel
**Karattru** vanituż, ambizzjuż, arroganti, narċissist
**Tip ta' leħen** vuċi maskili għolja / medja (tenur / baritonu)

**Karattru E**
**Età** 30+
**Ġeneru tal-karattru** raġel
**Karattru** salvaġġ, vjolenti, bully, faħxi
**Tip ta' leħen** Vuċi maskili għolja / medja (tenur / baritonu)

**Karattru F**
**Età** 30+
**Ġeneru tal-karattru** mara
**Karattru** ipokrita, nassiesa, ħajjiena
**Tip ta' leħen** vuċi femminili medja (mezzo / alto)

**Karattru G**
**Età** 30+
**Ġeneru tal-karattru** raġel
**Karattru** għażżien, newtrali, passiv
**Tip ta' leħen** vuċi maskili medja / baxxa (baritonu / baxx)

## Aktar Informazzjoni

Provi mużikali u qari tal-iskript ser jibdew minn Ottubru 2024, b'perjodu intensiv ta' provi minn Jannar sa Marzu 2025. F'dan il-perjodu il-parteċipanti kollha huma mistennija jkunu disponibbli mill-17:00 'il quddiem u fi tmiem il-ġimgħa.

Dati tal-produzzjoni huma
**11 ta' Marzu - 28 ta' Marzu 2025**.

L-awdizzjonijiet se jseħħu is-Sibt, 23 ta' Marzu 2024 bejn id-9am u l-5pm.

↓ **Lupu/Nagħġa** (2023)



## Kif Tista Tapplika?

Ibgħat CV u ittra ta' motivazzjoni għall-karattru/i li tixtieq tawdizzjoni għalihom sa mhux aktar tard mit-**2 ta' Marzu 2024** fuq contact@teatrumalta.org.mt.

Aħna nibgħatulek iktar informzzjoni dwar il-produzzjoni u l-karattru li tagħzel u anki informazzjoni dwar dak li inti mitlub tipprepara għall-awdizzjoni.

*Jekk għal xi raġuni ma tistax tattendi l-awdizzjoni fid-dati provduti, lesti nikkunsidraw data alternattiva jew awdizzjoni permezz ta' vidjow. Madankollu, din l-alternattiva hi ta diskrezzjoni tat-tim.*